# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum, 10 ta' Mejju, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Karl Roberts)**

**vs**
**Omissis 1**
**Omissis 2**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Omissis 1** u

**Omissis 2**

Akkuzati talli fl-10 ta' Mejju 2021, u jew fil- jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer:

Kellhom f'idejhom passaporti, maħruġa minn awtorià kompetenti, jew li, ittrasferixxew dawn il-passaport lil persuna oħra jew irċevew passaport li ġie ittrasferit lilhom minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlu użu jew ittantaw li jagħmlu użu minn Passaport maħruġ lil persuna oħra, cioé dak diġa imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi inghataw prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(c) tal-Liġijiet ta' Malta)

Kif ukoll talli xjentement għamlu użu min xi dokumenti oħra iffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

Kif ukoll mingħajr awtorità leġittima uzaw jew kellhom fil-pussess xi dokumenti, meħtieġa għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tathom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta' kull wiehed minnhom. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputati ghadhom minorenni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 37 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, 3 u 4 tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, 32(1)(c)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati **Omissis 1 u Omissis 2** hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom tlett (3) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal tmintax (18) il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommettu reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**